**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D.; M. Jur.**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Roger Agius**

Seduta Distrett Birzebbugia

**Illum: 17 ta' Jannar, 2025**;

Il-Qorti,

Rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva kontra:

**Roger Agius bin Paul u Maria Melita Zarb, imwieled San Giljan fis-26 ta' Lulju 1978 ta' 4, Carmen Triq San Vincenz B'Bugia ID 396578M,**

**Akkuzat talli:**

Fit-12 ta' Marzu 2017 ghal habta tas-18:15hrs gewwa Cherries Bar, fi Triq il-Bajja s-Sabiha, B'Bugia:

Talli haddimt jew gieghelt jew hallejt lil min ihaddem loud speaker, gramofon, amplifikatur jew strument bhal dawn, inkella hallejt li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqghodu f'bini qrib.[1]

Rat l-atti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il kaz jirrigwarda allegat storbju ikkawzat minn l-imputat gewwa Cherries Bar fi Triq il-Bajja s-Sabiha, Birzebbugia nhar it-12 ta' Marzu 2017 f'18.15 hrs. Jidher li l-ilment ghamlu certa David Cutajar.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qabel ma' tittanta taghmel kull konsiderazzjoni ohra li jidhrilha gust u opportun tinnota li l-unika imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat hija imsejsa fuq l-artikolu 41(2) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] Fol. 1 u 2 tal-process

Illi l-konsegwenzi ta' ksur tal-Kapitolu 10 huma msejsa fuq l-Artikolu 318 u 319 tal-istess Kapitolu li jaqra s-segwenti:

*318.Kull min jikser id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi, jew ta' ordni jew regolament mogħti jew magħmul mill-awtorità kompetenti, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor, bis-saħħa ta' dan il-Kodiċi, sew billi jagħmel dak li hu pprojbit li jagħmel, kemm billi jonqos li jagħmel dak li jkun ordnat li jagħmel, jew billi ma jħallix lil ħaddieħor jagħmel dak li jkun ordnat li jagħmel jew li jista' jagħmel jew billi jħassar jew iġib fix-xejn dak li ħaddieħor ikun għamel, taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ordni jew regolament, jew b'xi mod ieħor, <u>isir ħati ta' kontravvenzjoni.</u>*[2]

*319.(1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 19 u 543 tal-Kodiċi Kriminali, tad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli li jaħbtu sew sew wara dan u ta' kull dispożizzjoni oħra speċjali ta' dan il-Kodiċi, kull qorti ta' ġudikatura kriminali, għal kull kontravvenzjoni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, tista' tagħti kull waħda mill-pieni stabbiliti fil-Kodiċi Kriminali għall-kontravvenzjonijiet, sew separatament kemm flimkien, jew, jekk fil-fehma tal-qorti r-reat ikun jistħoqq piena akbar, tista' tagħti l-piena tal-multa jew tal-priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn xahar.*

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Alexander Michael Mifsud** (App. Nru. 105/2023) deciza nhar is-16 ta' Mejju 2023 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera irrimarkat is-segwenti:

[2] Sottolinejar ta' din il-Qorti

**"Kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet il-Pulizija vs Renald Micallef[3],**

**In-notifika ta' atti gudizzjarji trid tirrizulta mill-atti. L-istitut tal-preskrizzjoni fil-kamp kriminali huwa materja t'ordni pubbliku. Tant hu hekk li fil-kamp penali, l-preskrizzjoni tal-azzjoni tista' tigi sollevata anke ex officio mill-Qorti; tista' titqajjem kemm fi stadju tal-prim'istanza quddiem il-Qorti tal Magistrati kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali; u l-preskrizzjoni l-anqas ma tista' tigi rinunzjata mill-imputat u ghalhekk id-difiza ma setghet qatt tirrinunzja ghal tali eccezzjoni kif del resto ghamlet quddiem l-Ewwel Qorti nhar l-24 ta' Frar, 2023 fejn irrinunzjat ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.**

**Dan kollu jfisser anke skond dak ritenut fl-imsemmija sentenza ta' Renald Micallef illi l-iter processwali dwar in-notifika tal-atti gudizzjarji fil-kors ta' procediment kriminali jkun irid jirrizulta car mill-atti tal-kawza. U jrid jirrizulta car, kemm bil-mezz tax- xiehda kif ukoll bil-mezz ta' dokumentazzjoni, kemm ghall-Qorti tal-Magistrati fil prim'istanza kif ukoll ghall-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tieni stanza. Altrimenti, jekk l-atti jkunu jissodisfaw lill-Qorti tal-Magistrati, izda ma jkunux jinsabu fil-process meta dan jasal quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, kif tkun tista' din il-Qorti taghmel l-evalwazzjoni taghha dwar jekk imputat ikunx gie debitament notifikat jew le? Fi ftit kliem, jekk il-Qorti tal-Magistrati jkollha quddiemha dokument li juri li l-imputat gie notifikat bl-avviz tas-smiegh u citazzjoni, dak id-dokument irid jibqa' jidher fil-process anke wara li jkun instema' l-kaz u anke meta dan il-process jispicca quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Dan huwa importanti kemm jekk l-eccezzjoni tal-**

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-22 ta' Mejju 2022

**preskrizzjoni tkun giet sollevata quddiem il-Qorti tal-Magistrati u kemm jekk ma tkunx.**

**Dan peress li din l-eccezzjoni tista' dejjem tigi sollevata mill-parti interessata fi stadju t'appell, jew sahansitra tista' tigi sollevata mill-Qorti tal-Appell Kriminali ex officio. Allura minn dan isegwi li jekk l-atti ma jkunx fihom l-evidenza dokumentarja u/jew testimonjarja dwar il-fatt li l-imputat ikun gie notifikat u f'kaz affermattiv, meta, din il-Qorti ma tkunx f'qaghda li tghid b'sikurezza jekk u/jew meta l-imputat ikun gie notifikat.**

**U galadarba n-notifika trid tirrizulta b'mod sikur, u mhux fuq bazi ta' probabilita, jekk dik l-evidenza tkun nieqsa mill-process, b'mod partikolari f'kaz fejn tigi sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, il-prezunzjoni trid tmur favur tal-imputat u mhux kontra tieghu. Jekk il-Prosekuzzjoni ma tkunx f'qaghda li tipprova li c-citazzjoni tkun giet notifikata u f'kaz affermattiv meta, din il-Qorti ma tistax tqis li l imputat ikun gie notifikat. In-notifika trid tirrizulta b'mod sikur u ma tistax tigi assunta jew dezunta minn provi mhux sodi jew dikjarazzjonijiet fl-atti mhux sorretti minn evidenza soda. Ghalhekk, fin-nuqqas ta' riferta pozittiva li tkun tinstab fl-atti u/jew xiehda testimonjarja dwar l-istess, din il-Qorti tqis li ma giex sodisfacentement pruvat mill Prosekuzzjoni li l-appellant verament gie notifikat fiz-zmien regolamentari u b'hekk il-kawza kellha tigi ritenuta preskritta."**

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ewwel darba li deher l-imputat quddiem din il-Qorti kif diversament ppreseduta kien fit-18 ta' Jannar 2018, dunque ben oltre it-tlett (3) xhur tat-termini preskrittiv. Ghalhekk kien jinkombi aktar fuq il-prosekuzzjoni li ladarba l-ewwel dehra kienet daqshekk tard, kellha tipprezenta b'mod tempestiv ir-riferta li turi li l-imputat fi zmien tlett (3) xhur gie notifikat bic-citazzjoni. Ladarba dan ma sarx, u mill-atti ma jirrizulta xejn dwar in-notifika tac-citazzjoni lill-imputat la in kwantu r-riferta relattiva u lanqas permezz ta' xhieda, allura din il-Qorti ghandha d-dubbji serji meta l-akkuzat gie verament notifikat u qieghda *ex officio* tissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u cioe li l-azzjoni kienet diga' preskritta nhar it-18 ta' Jannar 2018 u dan bit-trapass tat-tlett (3) xhur stante li l-piena ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat hija ta' natura kontravenzjonali.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 41(2), 318 u 319 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta qed tiddikjara l-azzjoni preskritta.

Dr. Monica Vella LL. D., M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur.